MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 67/1993/1

Carmelo Curmi,
U b'degriet tal-11 ta' Jannar 2007,
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Rosita Curmi,
bint l-istess Carmelo Curmi li miet fil-mori tal-kawża .

vs

Victor Curmi ,
Margaret mart Paul Curmi, u
l-istess Paul Curmi bħala amministratur
tal-beni parafernali ta' martu ;
Salvina mart Francesco Grima u l-istess
Francesco Grima bħala amministratur tal-
Beni parafernali ta' martu .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi :

Illi skond att tan-Nutar Paul George Pisani tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (25/01/1988) (Dokument A) il-ġenituri tal-partijiet kontendenti u ċioe' il-konjuġi Rosina u Salvu Curmi biegħu u ttrasferew favur il-konvenuta Salvina mart Francesco Grima n-nofs indiviż tal-lok ta' djar markat bin-numru sitta u ħamsin (56) Cenc Street, Sannat, b'garaxx miegħu anness, u mandra retrostanti, bl-arja tiegħu u bir-riserva tad-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-vendituri matul ħajjithom bil-prezz ta' elfejn lira maltin (Lm2,000) li l-vendituri jiddikjaraw li rċevew qabel l-att ;

Illi skond att tal-istess Nutar tat-tlieta u għoxrin (23) t'Awissu elf disa' mija tmienja u tmenin (23/8/1988) (Dokument B) kif koreġut b'att ieħor tal-istess Nutar tal-ħmistax (15) ta' April elf disa' mija u disgħa u tmenin (15/4/1989) (Dokument C) l-imsemmi Salvatore Curmi biegħ ir-rimanenti nofs indiviż tal-imsemmi fond lill-konvenuti l-oħrajn Victor Curmi u Margaret mart Paul Curmi b'riserva tad-dritt ta' użu w abitazzjoni favur Salvu Curmi w ibnu Joseph Curmi sakemm jibqa' ġuvni ;

Illi b'att tal-istess nutar tal-erbgħa (4) ta' Lulju 1990 (Dokument D) il-konvenuta Margaret Curmi u Paul Curmi biegħu sehemhom mill-fond imsemmi lill-konvenut Victor Curmi u b'att ieħor tal-istess Nutar tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru 1992 (Dokument E) saret diviżjoni tal-fond imsemmi bejn il-konvenuti Victor u Salvina mart Frans Grima, aħwa Curmi ;

Illi l-att tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 1988 huwa null u bla ebda effett legali stante li kuntrarjament għal dak li hemm indikat fiċ-ċertifikat mediku anness mal-istess att, Rosina mart Salvu Curmi kienet mentalment inkapaċi li tiddisponi minn ħwejjiġhom;

Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-imsemmija atti ta' bejgħ (Dokumenti A, B u C) huma kuntratti simulati u konsegwentement nulli u bla effett għasx rejalment kienu in toto jew in parte atti ta' donazzjonijiet moħbija intiżi biex il-konvenuti jakkwistaw fit-totalita' tagħhom l-assi ereditarji tal-konjuġi Salvu u Rosina Curmi, u dana b'dannu kbir

għall-atturi kif anke jirriżulta mill-istess kuntratti li permezz tagħhom proprjeta' li fil-1988 kienet tiswa eluf kbar ta' liri taparsi nbiegħet bil-prezz ridikolu ta' erbat elef lira maltija (LM4,000) ;

Illi għalhekk il-kuntratti l-oħrajn (Dokumenti D u E) huma wkoll nulli u bla ebda effett legali għax ***nemo dat quod non habet u quod nullum est nullum producit effectum*** *.*

Illi Rosina Curmi mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 1991 (Dokument F) filwaqt li Salvatore Curmi miet (Dokument G) intestat (Dokument H u I) fl-1 ta' Ottubru 1997 u s-suċċessjoni ta' Rosina Curmi hija regolatar b'testment tal-ħmistax (15) ta' Settembru elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) (Dokument J, K, L u M) fl-atti tan-nutar Dottor Paul George Pisani li permezz tiegħu ġie mħolli legat iżda ma ġewx nominati werrieta u għal hekk wirtuhom skond il-liġi wliedhom u ċioe' John, anthony, Joseph, Carmel, Victor, emmanuel, Paul u Salvina mart Francesco Grima ilkoll aħwa Curmi f'isħma ndaqs bejniethom ;

Illi permezz tal-imsemmi testment, Rosina Curmi ħalliet b'titolu ta' legat sehemha mil-lok numru sitta u ħamsin Cenc Street Sannat kif ukoll kull ma kien hemm jinstab a limiti intus lil bintha Salvina mart Francesco Grima allegatament bi tpattija tas-serviġi, liema sehem sussegwentement l-omm aljenat bil-kuntratt fuq imsemmi (Dokument A) lill-istess Salvina Grima :

Illi l-imsemmi testment huwa null stante illi t-testatriċi ma kellhiex il-kapaċita' mentali w intellettwali biex tiddisponi minn ħwejjiġha u fi kwalunkwe każ il-legat kien ferm eċċessiv għas-servizzi reżi u għalhekk ġew leżi l-jeddijiet tal-attur bħala werriet tal-imsemmija ommu ;

Illi l-assi ereditarju tal-konjuġi Curmi kien jikkonsisti prinċipalment fil-lok fuq imsemmi ;

Illi l-attur għandukull interess jimpunja l-imsemmija kuntratti u testment, għax b'hekk biss jista' jieħu sehmu mill-wirt tal-ġenituri tiegħu .

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-imsemmija kuntratti u testment huwa null għar-raġunijiet fuq esposti ;

2. Tordna r-rexxissjoni tal-istess permezz ta' att pubbliku opportun u għal dan l-iskop tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun f'jum ħin u lok li jiġu lilu prefissi u kuratur għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali tal-ħdax (11) ta' Frar 1993 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa stess għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoniijiet tal-konvenuti Salvina u Francesco konjuġi Grima li eċċepew illi :

1. Illi l-attur ma għandu l-ebda dritt u interess ġuridiku li jippromwovi l-kawża odjerna u dana peress illi l-attur bħala "terz" ma għandu l-ebda dritt u interess li jimpunja kuntratti li dwarhom huwa ma kellu x'jaqsam xejn u kien biss terz . Illi għalhekk japplika l-prinċipju ta' "res inter alios acta" peress illi dana d-dritt u interess ġuridiku jispetta biss lill-partijiet kontraenti u mhux lit-terz ;

2. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, anki kieku, għall-grazzja tal-argument kellu jingħad illi l-attur għandu dana d-dritt li jitlob in-nullita' tal-kuntratt tal-konvenuti konjuġi Grima, liema kuntratt iġib id-data tal-ħams u għoxrin (25) ta' Jannar, 1988 (atti Nutar Paul George Pisani), l-istess testatrici, Rosina Curmi ħalliet bit-tieni artikolu tat-testment tagħha tal-ħmistax (15) ta' settembru 1987 (atti Nutar Paul George Pisani) bit-titolu ta' prelegat in-nofs ( ½ ) indiviż ossija d-drittijiet tagħha kollha fuq il-fond bin-numru sitta u ħamsin (56),

cenc Street, Sannat, Għawdex b'garage u b'mandra miegħu anness, inkluż ukoll sehemha mill-għamara, mobilja w oġġetti kollha inklużi deheb u fidda u ħaġar prezzjuż u flus in moneta kontanti li fl-epoka tal-mewt tagħha jkunu jinsabu fl-istess lok ta' djar "a limine intus" lill-istess Salvina mart Francesco Curmi u dana bi tpattija tas-serviġi, kuri u assistenzi reżi minnha u bil-kundizzjoni li tibqa' tipprestalha l-kuri, serviġi u assistenzi neċessarji sal-ġurnata tal-mewt tagħha ;

3. Illi l-istess testment hawn fuq indikat huwa wieħed validu mhux biss għaliex id-decujus kellha l-kapaċitajiet mentali u intellettwali biex tiddisponi minn ħwejjiġha kif riedet u kif xtaqet hija, imma wkoll peress illi l-istess attriċi u l-familja tagħha damet tirrendi l-kuri, assistenzi u s-serviġi kollha meħtieġa lill-mejta Rosina Curmi sal-ġurnata tal-mewt tagħha u għal hekk anki minn dana l-aspett hija ssodisfat l-obbligu impost fuqha bl-istess preċitat testment ;

4. Illi wkoll l-istess attur, bħala "eredi" tal-istess Rosina Curmi ma għandu l-ebda dritt li jattakka legat remuneratorju fuq il-premessa illi l-istess lega huwa wieħed eċċessiv u li jaċċedi ferm is-servizzi reżi mill-prelegatarja, liema dritt jispetta lill-legittimarju sabiex jistabilixxi l-kwota legittimarja lilu dovuta u mhux lill-werriet li, skond il-ligi, irid joqgħod għad-dispożizzjonijiet testamentarji mħollija mid-decujus ;

5. Illi għalhekk it-talbiet kollha attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tiegħu .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Salvina Grima .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Victor Curmi li eċċepixxa illi :

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, peress li l-atti pubbliċi li qegħdin jiġu attakkati ma humiex simulati kif qed jippretendi l-attur u lanqas

huma magħmulin minn persuni li m'humiex kapaċi li jiddisponu minn ħwejjiġhom skond ma jirriżulta mill-istess ċertifikati mediċi annessi mal-atti relattivi .

2. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu milqugħa fil-konfront ta' dawk il-kuntratti li huma allegatament simulati, peress li fil-każ tas-simulazzjoni l-proċess u l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti, m'huwiex dak li tordna l-annullament tal-kuntratt iżda li ssib il-verita' u tiddikjara n-negozju ġuridiku reali x'inhu .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonjiet tal-konvenuti Margaret u Paul konjuġi Curmi li eċċepew illi :

1. Illi preliminarjament l-attur irid jiddikjara f'liema vesti huwa qiegħed jagħmel din il-kawża biex jipprova li verament għandu interess li jagħmilha ;

2. Illi fil-mettu d-domandi attriċi, sa fejn jirrigwardaw lill-eċċipjenti, huma infondati peress illi l-kuntratti tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu 1988 u dak ta' l-erbgħa (4) ta' Lulju 1990 it-tnejn atti tan-Nutar Paul Pisani huma kuntratti validi u ma jistgħux jiġu mpunjati mill-attur ;

3. Illi għal hekk id-domandi attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Paul Curmi .

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 1994 li bih innominat lill-psikjatra Dottor David Cassar bħala espert mediku bl-assistenza ta' l-avukat Dottor Mario Scerri bħala espert legali, u dana in vista ta' l-allegazzjoni dwar in-nuqqas ta' kapaċita' mentali fid-decujus Rosina Curmi .

Rat in-nota tal-konvenuti Paul u Margaret konjuġi Curmi tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 1997, li biha rrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom .

Rat id-digriet tagħha ta' l-għaxra (10) ta' Lulju 1998 fejn irrevokat l-inkarigu tal-perit legali Dottor Mario Scerri .

Rat id-digriet tagħha tas-sbatax (17) ta' Mejju 2002 li bih irrevokat l-inkarigu ta' l-espert mediku u dana in vista tal-verbal ta' l-attur  ta' l-istess data fejn irrinunzja għall-kawżali dwar s-sanita' mentali ta' l-imsemmija Rosina Curmi .

Rat id-digriet tagħha tas-sittax (16) ta' Ottubru 2003 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku sabiex jistabilixxi l-valur tal-proprjetajiet in kwistjoni meta saru l-kuntratti li qed jiġu attakkati .

Rat il-verbal tagħha tat-tlettax (13) ta' Marzu 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Victor Curmi .

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti, affidavits u dokumenti oħra esebiti .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Victor Curmi eċċepixxa illi t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa fil-konfront ta' dawk il-kuntratti li huma allegatament simulati, peress illi fil-każ tas-simulazzjoni, l-proċess u eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti, mhuwiex dak li tordna l-annullament tal-kuntratt, iżda li ssib il-verita' u tiddikjara n-negozju reali x'inhu .

Wara li rrinunzja għall-premessa dwar l-inkapaċita' mentali ta' ommu meta għamlet it-testment tagħha imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u t-talba relattiva għad-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' l-istess testment, l-attur illimita t-talbiet tiegħu għad-dikjarazjoni ta' nullita' u konsegwentement ir-rexxissjoni ta' erba' kuntratti ta' bejgħ msemmija fl-istess ċitazzjoni u li permezz tagħhom ġew trasferiti beni mmobbli appartenenti lill-ġenituri tiegħu . Huwa kkontenda illi l-prezzijiet involuti f'dawn it-trasferimenti tant kien baxx u redikolu, li dawn ma kienu kuntratti ta' bejgħ xejn, iżda donazzjonijiet simulati .

Dwar l-azzjoni ta' nullita' jew rexxissjoni, insibu fil-liġi tagħna illi: "**Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni." [1]**

Din l-azzjoni ġiet imfissra fid-dottrina legali bil-mod segwenti : "*L'azione di nullita' o rescessione e' il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento, o rescissione che dir si voglia . E' un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta . E differisce da ogni altro mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo." [2]*

Sabiex tirnexxi kawża bħal din iridu jikkonkorru tliet kundizzjonijiet : "*Affinche l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni : (a) che l'obbligazione sia invalida ; (b**) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene** ; (c) che non sia scorso*

---

[1] art. 1212 kap. 16 .
[2] Giorgio Giorgi : Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246 .

*il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."* [3]

Huwa mal-ewwel evidenti għalhekk mit-tieni kundizzjoni meħtieġa f'kawża ta' nullita', illi din tista' tiġi perċepita biss minn xi ħadd mill-partijiet kontraenti u mhux ukoll minn terzi . "*L'azione di nullita' o rescissione e' il mezzo giuridico concesso al* ***contraente****, che si obbligo' invalidamente o fu leso dal contratto, di liberarsi dagli effetti pregudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendone l'annulamneto, o rescissione che dir si voglia*[4] *. … Quel* ***solo contraente*** *che stipulo' senza capacita' sufficente, o il consenso del quale fu viziato da errore, o violenza, o dolo, puo' fare pronunciare la nullita'*." [5]

Imma fil-każ tagħna l-attur bl-ebda mod ma jista' jingħad illi kien konparteċipi fil-kuntratti li qed jiġu attakkkati . Dan għaliex kuntratt minnhom sar bejn il-ġenituri tiegħu u l-konvenuta Salvina Grima, kuntratt ieħor sar bejn missieru u l-konvenuti Victor Curmi u Margaret Curmi, it-tielet wieħed sar bejn l-istess Victor Curmi u l-konvenuti Margaret u Paul konjuġi Curmi, u r-raba' wieħed bejn Victor Curmi wkoll u l-konvenuta Salvina Grima . Għalhekk billi l-attur ma kien involut bl-ebda mod f'dawn il-kuntratti, mhux mogħti lilu illi jitlob in-nullita' tagħhom .

Din is-sentenza in parte ntalbet sabiex jiġi deċiż jekk is-simulazzjoni ta' kuntratt setgħetx iġġib il-konsegwenza tar-rexxissjoni tiegħu, imma fil-każ in eżami, ġialadarba t-talbiet attriċi fi kwalunkwe każ żgur li ma jistgħux jirnexxu, għar-raġunijiet stabiliti f'din is-sentenza, l-Qorti ser tieqaf hawn għax id-deċiżjoni kif mitluba kienet ser tkun eżerċizzju purament akkademiku, li ma jista' qatt jagevola l-kawża kif intavolata .

Għal dawn il-motivi u peress illi ġie deċiż illi l-azzjoni kif proposta mill-attur mhix legalment konċepibbli, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, salv u mpreġudikata

---

[3] ibid.. para.149 pag. 251 .
[4] ibid. para 146 pag. 246 .
[5] ibid. para. 156 .

pero' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-bintu, l-attriċi preżenti, bħala eredi tiegħu .

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------